



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 30.4.2007
KUMM(2007) 225 finali

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI
LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU
U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

dwar

L-analiżi ta' nofs il-perjodu tas-Sitt Programm ta' Azzjoni Ambjentali Komunitarju

{SEG(2007) 546}

{SEG(2007) 547}

WERREJ

1.	Introduzzjoni	3
2.	Il-qagħda ta' l-ambjent	4
3.	It-Tkabbir, L-Impjiegi u l-Ambjent.....	4
4.	Il-valutazzjoni tal-prijoritajiet tas-sitt EAP	6
4.1.	Il-Bidla fil-Klima	6
4.2.	In-Natura u l-Bijodiversità	8
4.3.	L-Ambjent, is-saħħa u l-kwalità tal-ħajja.....	9
4.4.	Riżorsi Naturali u Skart.....	10
5.	Prospettivi għat-Tfassil Aħjar tal-Politika	11
5.1.	Kooperazzjoni internazzjonali mtejba.....	11
5.2.	Prinċipji ta' "Regolazzjoni Mtejba" fit-tfassil ta' politiki ambjentali	13
5.3.	Il-Promozzjoni ta' l-Integrazzjoni tal-Politiki	16
5.4.	Titjib fl-implimentazzjoni u l- <i>infurzar</i>	17
6.	Konklużjonijiet.....	18

1. INTRODUZZJONI

Il-politika ambjentali hija ċentrali għall-missjoni ta' l-Unjoni Ewropea li għib il-prosperità u s-sigurtà liċ-ċittadini ta' l-Ewropa fi ħdan qafas ta' solidarjetà soċjali. Is-sena 2006 jimmarka punt ta' bidla u kwistjonijiet ambjentali qegħdin jiġu dejjem aktar integrati fil-qalba tat-tmexxija tal-gvern.

It-twassil ta' "L-Ewropa li tagħti Riżultati" hija prijorità għall-Kummissjoni, u l-politika ambjentali ta' l-Unjoni Ewropea hija waħda mis-suċċessi ta' l-Unjoni f'dak li għandu x'jaqsam ma' vantaġġi tanġibbli għaċ-ċittadini tagħha. Il-leġiżlazzjoni ta' l-UE hija l-bażi ta' madwar 80% tal-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar l-ambjent. Hija responsabbli għal titjib prinċipali fil-kwalità ta' l-ajru u ta' l-ilma u għall-eliminazzjoni ta' sustanzi ta' tniġġis bħal ċomb fil-petrol. Tippermetti lill-UE tiegħu t-tmexxija globali fuq kwistjonijiet bħall-bidla fil-klima. Sabiex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tagħha fit-tul, l-ekonomija ta' l-UE teħtieġ li tiġi bbażata, fost oħrajn, fuq prinċipji ambjentali sodi u l-leġiżlazzjoni ta' l-UE timmira biex tipprovdi tali bażi. L-isforzi tal-Kummissjoni għal livell għoli ta' ħarsien ambjentali jinkoraġġixxu wkoll l-ekoinnovazzjoni, li ladarba tinkiseb tippromwovi effiċjenza industrijali u impjiegi ġodda.

Il-kwistjonijiet ambjentali huma ta' tħassib kbir għall-pubbliku Ewropew. Skond l-*Eurobarometer*, 72% taċ-ċittadini ta' l-Ewropa jemmnu li fatturi ambjentali jinfluwenzaw "ħafna" jew "pjuttost ħafna" l-kwalità tal-ħajja¹. Il-pubbliku jaf sew li t-tniġġis ma jieqafx mal-fruntieri nazzjonali u l-ambjent huwa wieħed mill-oqsma ta' politika fejn l-aktar jinsab l-appoġġ pubbliku għal azzjoni ta' l-UE².

Matul dawn l-aħħar 30 sena l-UE bniet qafas leġiżlattiv komprensiv għall-ħarsien ambjentali u dan il-proċess ġie mmexxi mill-Programmi strateġiċi ta' Azzjoni Ambjentali. Is-Sitt Programm ta' Azzjoni Ambjentali tal-Komunità (is-sitt EAP)³ jistabbilixxi l-qafas Komunitarju għal politika ambjentali għall-perjodu minn Lulju 2002 sa Lulju 2012. Jirrappreżenta d-dimensjoni ambjentali ta' l-Istrateġija għall-Iżvilupp Sostenibbli ta' l-UE u jispeċifika l-prijoritajiet ambjentali b'attenzjoni partikolari fuq erba' kwistjonijiet:

- il-bidla fil-klima;
- in-natura u l-bijodiversità;
- is-saħħa u l-kwalità tal-ħajja kif ukoll
- ir-riżorsi naturali u l-iskart.

Għal kull wieħed minn dawn l-oqsma prijoritarji, is-sitt EAP jistabbilixxi l-miri speċifiċi u l-azzjonijiet prijoritarji. Is-sitt EAP jindirizza wkoll għadd ta' kwistjonijiet trasversali, li jinkludu l-formulazzjoni kumplessiva u l-implimentazzjoni ta' politiki ambjentali. Jistabbilixxi wkoll għadd ta' prinċipji strateġiċi.

¹ Special Eurobarometer 217 "L-attitudnijiet taċ-ċittadini Ewropej lejn l-ambjent", Fieldwork ta' Novembru 2004, Pubblikazzjoni, April 2005.

² Fl-istħarriġ ta' l-Eurobaromete ta' Mejju 2006 instab li 72% taċ-ċittadini ta' l-Ewropa kienu ta' l-opinjoni li għall-ħarsien ta' l-ambjent it-tehdid tad-deċiżjonijiet għandu jsir fuq livell Ewropew

³ Deċiżjoni 1600/2002/KE (Ġ.U. L 242/1 tad-19.9.2002).

Din l-analiżi ta' nofs il-perjodi tindirizza tliet mistoqsijiet differenti. L-ewwelnett, tanalizza sa fejn l-Unjoni bħalissa qed tlaħħaq ma' l-impenji li ttieħdu fis-sitt EAP. It-tieni, tara l-provi xjentifiċi l-aktar riċenti sabiex tqis jekk l-istrateġija stabbilita fis-sitt EAP oriġinali hijiex biżżejjed biex tilqa' l-isfidi ambjentali ta' bħalissa. It-tielet, tqis jekk l-istrateġija ta' l-UE dwar il-politika ambjentali għandhiex tiġi analizzata mill-ġdid fid-dawl ta' kuntest politiku li mill-2002 inbidel b'mod partikolari fid-dawl ta' l-Istrateġija ta' l-Iżvilupp Sostenibbli ta' l-UE li ġġeddet dan l-aħħar, l-Istrateġija ta' Liżbona għat-tkabbir u l-impjiegi u l-aġenda tal-Kummissjoni għal Regolamentazzjoni Aħjar. Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni l-analiżi tikkonkludi sa fejn il-prijoritajiet tal-Kummissjoni għandhom jiġu eżaminati fir-rigward tal-perjodu sa Lulju 2012.

2. IL-QAGĦDA TA' L-AMBJENT

Il-bidu għal politika ambjentali huwa tagħrif xjentifiku dwar il-qagħda ta' l-ambjent tagħna. Dawk li jfasslu l-politika għandhom jifhmu sa fejn il-problemi ambjentali qegħdin imorru għall-aħjar jew għall-agħar. F'dawk l-oqsma fejn is-sitwazzjoni sejra għall-agħar, l-isfida hija li jiġu żviluppanti tweġibiet ta' politika kemm ġodda kif ukoll ambizzjużi.

Waħda mir-riżultati prinċipali dwar is-sitwazzjoni preżenti ta' l-ambjent Ewropew⁴ hija li l-politiki ta' l-ambjent ta' l-UE tejjbu l-kwalità tal-ħajja għaċ-ċittadini tagħha u li sar progress konsiderevoli f'oqsma bħat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, il-konservazzjoni ta' l-artijiet mistagħdra, il-prattiki għall-imsaġar sostenibbli l-ġestjoni ta' l-iskart. Madankollu, il-konklużjoni ġenerali hija li minkejja l-progress li sar il-kobor ta' l-isfidi ambjentali ukoll qed jiżdid u l-Ewropa għad mhix fit-triq lejn l-iżvilupp ġenwinament sostenibbli.

3. IT-TKABBIR, L-IMPJIEGI U L-AMBJENT

F'Ġunju 2006, il-Kunsill Ewropew adotta l-Istrateġija dwar Żvilupp Sostenibbli mġedda (SDS) għal UE imkabbra⁵. Ikkonferma li l-iżvilupp sostenibbli huja l-mira kumplessiva ta' l-Unjoni Ewropea li tmexxi l-politiki u l-attivitajiet kollha ta' l-Unjoni. Is-sitt EAP jipprovdi d-dimensjoni ambjentali ta' l-SDS⁶.

Il-kunċett ta' l-iżvilupp sostenibbli huwa msejjes fuq is-sinerġiji li jeżistu bejn l-elementi ekonomiċi, soċjali u ambjentali. Ambjent nadif u b'saħħtu huwa essenzjali għall-benessri tal-bniedem u għal kundizzjonijiet soċjali tajbin. Madankollu, politiki ambjentali m'fashlin tajjeb jistgħu wkoll jikkontribwixxu għal miri oħra bħal m'huma ż-żieda fil-kompetittività, l-istimulazzjoni tat-tkabbir ekonomiku u t-titjib fil-ħolqien ta' l-impjiegi.

⁴ Ir-rapport ta' l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent dwar l-istat ta' l-ambjent "Il-Qagħda u l-Perspettiva (2005)" huwa r-rapport xjentifiku ewlieni użat fit-tnejn tal-Komunikazzjoni iżda mill-pubblikazzjoni tas-sitt EAP it-tagħrif xjentifiku dwar l-iskala u l-urġenza ta' l-isfidi ambjentali tjeib – l-aktar minħabba x-xogħol tal-*Panel* Internazzjonali dwar il-Bidla fil-Klima, ir-Rapport Stern dwar l-impatt ekonomiku tal-bidla fil-klima u l-pubblikazzjoni tal-Valutazzjoni għall-Millennju ta' l-Ekosistema.

⁵ Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea, id-9 ta' Ġunju 2006, dokument 10917/06.

⁶ Ara l-Artikolu 2(2) tas-sitt EAP.

L-ispiża tan-nuqqas ta' azzjoni

It-tniġġis jista jinftehem bħala eżempju ta' "falliment fis-suq" u għandu spejjeż ekonomiċi reali ħafna. Fit-tfassil tal-politika għalhekk huwa essenzjali li jiġu identifikati u indirizzati "l-ispejjeż tan-nuqqas ta' azzjoni". Per eżempju, it-tniġġis ta' l-ajru jirriżulta ftelfiet ta' produttività u ta' nfiq mediku li jammontaw għal spiża fl-ekonomija ta' l-UE ta' €14 biljun fis-sena⁷.

Jeħtieġ ukoll li jitqies li l-ispiża ta' azzjoni preventiva bikrija hija ħafna anqas mit-tindif tal-ħsara li tkun diġà saret. Dan il-punt ġie enfasizzat fl-Analiżi ta' Stern dwar l-Ekonomiċi tal-Bidla fil-Klima ta' Ottubru 2006 li kkonkludiet li l-limitazzjoni fl-għoli tat-temperatura għall-livelli ta' sikurezza tkun tammonta bejn wieħed u ieħor għal 1% tal-PGD globali filwaqt li l-ispiża għall-ekonomija globali li tħaddem perspettiva fejn kolloxx jibqa' għaddej kif inhu, tkun aktar minn ħames darbiet oġhla. Il-*Valutazzjoni tal-Millennju ta' l-Ekosistema* mhux biss iddokumentat it-telf tas-servizzi ta' l-ekosistema iżda kkonkludiet li dan jirriżulta ftelfiet ekonomiċi kbar.

Mexxej ta' l-innovazzjoni u l-effiċjenza fir-riżorsi

Il-ħtieġa għat-titjib fil-prestazzjoni ambjentali tista' tagħti spinta lill-innovazzjoni li, min-naħa l-oħra tikkontribwixxi għall-kompetittività. Il-kumpaniji jistgħu jiksbu 'vantaġġi tal-pijunieri' billi jqiegħdu fis-suq is-soluzzjonijiet u l-innovazzjonijiet ambjentali tagħhom lil kumpaniji oħrajn. Eżempju tajjeb huwa l-enerġija tar-riħ fejn l-UE hija fuq quddiemnett fid-dinja.

It-tnaqqis tat-tniġġis jista' iwassal ukoll għal proċessi ta' produzzjoni aktar effiċjenti. It-titjib fl-effiċjenza tar-riżorsi u ta' l-enerġija li jirriżulta jista' jagħti spinta lill-produttività filwaqt li fl-istess waqt inaqqas id-dipendenza fuq il-fornituri ġejjin minn barra l-UE.

Il-politika ambjentali għenet fl-iżvilupp tas-settur li dejjem jikber u li jissaħħaħ tat-teknoloġiji ambjentali. Id-dħul annwali mill-ekoindustrija Ewropej huwa €227 biljun li jirrappreżenta madwar 2.2% tal-PGD ta' l-UE. Is-settur jammonta għal 3.4 miljun impjeg *full-time* – jew 1.7% tal-qgħad kollu fl-UE⁸.

L-istandards ambjentali ta' l-UE jikkontribwixxu wkoll għall-prosperità Ewropea billi jiffurmaw bażi ta' sostenn għas-suq waħdieni. Mingħajr standards komuni nerriskjaw "L-ekoprotezzjoni" li permezz tagħha r-regoli nazzjonali jaġixxu bħala ostakli għall-kummerċ.

It-teħid ta' kunsiderazzjonijiet ambjentali fl-istrateġiji korporattivi jistgħu wkoll jiksbu vantaġġi għal kumpaniji individwali. Flimkien ma' innovazzjoni u produttività msaħħa dan jista' jġib *branding* aktar b'saħħtu, dehra korporattiva mtejba, u opportunitajiet ġodda fis-suq (per eżempju billi jiġu sfruttati l-opportunitajiet li joffru l-Kuntratti Pubbliċi li jirrispettaw l-Ambjent).

⁷ Din iċ-ċifra ma tqisx l-ispejjeż tal-ħsara tat-tniġġis ta' l-ajru għall-ekosistemi u għall-produttività agrikola.

⁸ Il-Kummissjoni Ewropea, DG għall-Ambjent, "L-ekoindustrija, id-daqs tagħha, l-impjeggi, il-perspettivi u l-ostakli għat-tkabbir fl-UE imkabbra", Settembru 2006, rapport finali.

Li nilqgħu l-isfidi ambjentali jirrikjedi wkoll riċerka interdixxiplinarja u innovazzjoni kkoordinati. Din il-kunsiderazzjoni hija waħda mir-raġunijiet għall-proposta tal-Kummissjoni biex jiġi stabbilit l-Istitut Ewropew għat-Teknoloġija li għandu l-mira li jiġbor flimkien l-aħjar riżorsi u tagħrif għat-twassil tas-soluzzjonijiet teknoloġiċi għall-problemi ambjentali.

4. IL-VALUTAZZJONI TAL-PRJORITAJIET TAS-SITT EAP

Biex tkun tista' twieġeb għar-realtà xjentifika, biex twassal "L-Ewropa tar-Riżultati" f'qasam fejn iċ-ċittadini qed jisħqu għall-azzjoni, u biex tipprovdi tkabbir sostenibbli, l-UE teħtieġ politika ambjentali ambizzjuża li tħares 'il quddiem. F'kull wieħed mill-oqsma prijoritarji identifikati mis-sitt EAP jinsabu sfidi prominenti li hemm bżonn jiġu indirizzati.

4.1. Il-Bidla fil-Klima

Is-sitt EAP jirrikonoxxi l-bidla fil-klima bħala "*sfida prominenti għall-għaxar snin li ġejjin u lil hinn*" u jimmira biex jikkontribwixxi għall-għan fit-tul li "*l-konċentrazzjonijiet ta' gassijiet serra fl-atmosfera jiġu stabbilizzati fuq livell li ma jħallix tfixkil perikoluż antropoġeniku mas-sistema tal-klima*"⁹

Mill-adozzjoni tas-sitt EAP l-għarfien tagħna dwar ir-riskji marbuta mal-bidla fil-klima tjiieb u t-tweġiba tagħna għandha titbiddel skond dan. Għall-UE hemm tliet kwistjonijiet ewlenin.

L-ewwelnett għandna npoġġu l-affarijiet tagħna stess f'pothom billi nnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra fl-UE u naqilbu għal ekonomija b'livell baxx ta' karbonju. Kull Stat Membru kien ikkometta ruħu għal miri li jorbtu legalment taħt 'Il-Ftehim dwar it-tqassim ta' l-Obbligi'¹⁰ sabiex jilħqu l-mira ta' Kjoto. L-iskema ta' l-iskambju ta' l-emissjonijiet madwar l-UE (ETS)¹¹ ġiet immedija b'suċċess u sservi bħala mekkaniżmu li jista' jiġi żviluppat fi skema globali għat-trażżin ta' l-emissjonijiet. Il-progress lejn l-obbligu għat-tnaqqis fl-UE taħt il-Protokoll ta' Kjoto miexi tajjeb iżda l-kisba tal-mira teħtieġ aktar sforzi¹² mis-setturi kollha u b'mod partikolari mill-enerġija, it-trasport, l-industrija u l-agrikoltura.

F'Marzu 2007, il-Kunsill Ewropew approva l-proposta tal-Kummissjoni għal pakkett dwar l-enerġija u l-klima. Huwa ħa l-impenn indipendenti biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra b'mill-anqas 20% sa l-2020 u kkonkluda li l-mira ta' tnaqqis għandha tiżdied għal 30% fil-kuntest ta' ftehim internazzjonali li jinkludi pajjiżi industrijalizzati oħrajn. Bħala parti mill-pakkett il-Kunsill stabbilixxa għall-2020 miri li jorbtu ta' 20% għall-produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli u ta' 10% għall-konsum tal-bijofjuwils. Saħaq ukoll fuq il-ħtieġa li tiżdied l-effiċjenza fl-enerġija fl-UE u stabbilixxa l-mira tat-tnaqqis fil-konsum ta' l-enerġija fl-UE b'20% imqabbbla mal-kalkoli għall-2020.

⁹ Ara l-Artikolu 2(2) tas-sitt EAP.

¹⁰ Deċiżjoni 2002/358/KE (Ġ.U. L 130/1, tal-15.5.2002).

¹¹ Id-Direttiva 2003/87/KE (ĠU L 275/32, tal-25.10.2003).

¹² L-UE hija impenjata taħt il-Protokoll ta' Kjoto biex tnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-livelli ta' l-1990 bit-8% sa l-2008-2012.

¹³ B'mod partikolari fl-Istati Membri l-ġodda fejn hemm potenzjal sinifikanti għat-tfaddil ta' l-enerġija.

L-isfida prinċipali għall-UE se tkun it-twassil ta' dawn l-impenji politiċi u l-pass importanti li jmiss se jkun li titwessa' l-ETS biex tkopri aktar setturi (bħal ta' l-avjazzjoni) u aktar gassijiet. Il-Kummissjoni ser tfitx ukoll li ttejjeb l-effettività ta' l-ETS permezz, fost affarijiet oħrajn, użu aktar mifrux tal-bejgħ bl-irkant. Huwa meħtieġ ukoll li l-UE tinkoraġġixxi l-adozzjoni ta' l-enerġiji rinnovabbli u żżid ir-riċerka fit-teknoloġiji ġodda bħall-sekwestru u l-ħżin tal-karbonju, l-użu ta' l-idroġenu bħala fjuwil u l-bijofjuwils tat-tieni generazzjoni¹⁴. Hekk kif dawn it-teknoloġiji meħtieġa jiġu żviluppati hemm il-ħtieġa wkoll li jiġi ddetaljat qafas regolatorju ta' sostenn. Sabiex isservi bħala eżempju għall-istituzzjonijiet pubbliċi l-oħra l-Kummissjoni ser tfassal strateġija għat-tnaqqis tal-livelli tal-karbonju li tarmi sa tmiem l-2007.

Sabiex il-bidla fil-klima tiġi ġestita b'mod effettiv, jeħtieġ ħafna aktar tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra fuq livell globali u huwa għalhekk li t-tieni l-isfida hija "id-diplomazija tal-klima". L-UE hija responsabbli għal madwar 14% ta' l-emissjonijiet tal-gassijiet serra fid-dinja kollha¹⁵ – ċifra li se tonqos hekk kif il-pajjiżi bħaċ-Ċina u l-l-Indja jkomplu jiżviluppaw. L-UE hija impenjata li tiddiskuti ma' pajjiżi terzi sabiex tibni appoġġ għal ftehim globali dwar il-limitazzjonijiet ta' l-emissjonijiet tal-gassijiet serra meta l-ewwel perjodu taħt il-Protokoll ta' Kjoto jiskadi fl-2012. Dan ifisser li nikkonvinċu l-Istati Uniti, u pajjiżi oħra, li huwa fl-interess tagħhom stess li jkun ta' minn ta' quddiem fil-għieda kontra l-bidla fil-klima.

Tweġiba globali tfisser li jinstab mezz li jippermetti lil pajjiżi li qegħdin fi żvilupp jissoktaw bit-tkabbir ekonomiku filwaqt li jnaqqsu kemm jista' jkun it-tagħwiġ fil-kompetizzjoni, iżda billi tonqos iż-żieda fl-emissjonijiet. Ser ikun hemm il-ħtieġa li jiżdiedu l-għajnuna teknika u t-trasferimenti ta' teknoloġiji. Il-bidla fil-klima, bid-dimensjonijiet kollha tagħha (l-enerġija, l-iżvilupp, it-trasport, is-saħħa), qiegħda dejjem aktar tkun parti mill-politika esterna ċentrali ta' l-UE. Jekk għandna niddefinixxu t-tweġiba globali, kemm il-Kummissjoni kif ukoll l-Istati Membri jeħtieġu jistabbilixxu prijoritajiet diplomatiċi (filwaqt li jallokaw ir-riżorsi) skond dan. Sfida speċifika u urġenti ser tkun l-iżvilupp ta' mekkaniżmu li jwaqqaf u mbaġħad imexxi lura id-deforestazzjoni globali li hija responsabbli għal 20% mill-emissjonijiet tal-gassijiet serra.

It-tielet sfida hija l-adattament għall-bidla fil-klima. It-tibdiliet mistennija fit-temperatura u fil-preċipitazzjoni kif ukoll iż-żieda tal-varjabbiltà klimatika ser ikollhom effett fuq ix-xejriet ta' produzzjoni agrikoli. Ir-riskju ta' avvenimenti estremi tat-temp – bħal sħanat, għargħar, nixfiet u nirien fil-foresti - ser jiżdiedu. L-infrastruttura għandha tinbena bi ħsieb għat-tluġ tal-livelli ta' l-ibħra. Il-firxa tal-mard tiċċaqlaq hekk kif it-temperaturi jinbidlu. Qegħdin naraw biss il-bidu ta' l-impatti attwali tal-bidla fil-klima iżda l-ħtieġa għal adattament għandha tiddaħħal fil-politiki kollha rilevanti kemm ta' l-Ewropa kif ukoll f'dawk nazzjonali. Fl-2007, il-Kummissjoni ser tippreżenta *Green Paper* dwar l-adattament għal bidla fil-klima li ser jipponi l-għażliet għal azzjoni.

¹⁴ Il-bijofjuwils ta' l-ewwel ġenerazzjoni magħmula ġeneralment mill-prodotti ta' l-ikel mill-uċuħ tar-raba' u permezz ta' l-użu ta' mezzi ta' produzzjoni l-aktar effiċjenti jwasslu għal tfaddil fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra (minn 30-50% anqas mill-fjuwils konvenzjonali li jissostitwixxu). Madankollu, it-tfaddil fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra u l-impatt ambjentali kumplessiv jiddependu fuq il-mezzi ta' produzzjoni, inkluż l-uċuħ tar-raba' użati bħala għalf. Fil-pajjiżi li qegħdin fi żvilupp il-kultivazzjoni ta' l-uċuħ tar-raba' għal bijofjuwils ta' l-ewwel ġenerazzjoni tista' żżid ukoll il-pressjoni għad-deforestazzjoni jekk dan ikun ifisser aktar qtugħ ta' siġar fil-foresti. Huwa mistenni tfaddil ogħla fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra flimkien mal-bijofjuwils tat-tieni ġenerazzjoni (sa 90%).

¹⁵ http://ec.europa.eu/environment/climat/pdf/cc_factsheet_aug2005.pdf

4.2. In-Natura u l-Bijodiversità

Is-sitt EAP ikkonferma l-għan ta' l-UE li twaqqaf it-telfien tal-bijodiversità ta' l-Ewropa sa l-2010. Fuq livell globali l-UE taqşam l-għan tat-tnaqqis sinifikanti tat-telf fil-bijodiversità globali sa l-istess data.

F'Mejju 2006 il-Kummissjoni ippubblikat strateġija dwar kif għandhom jintlaħqu dawn l-għanijiet. Il-konklużjoni prinċipali ta' l-istrateġija hija li fi ħdan l-UE il-qafas għall-politika fil-biċċa l-kbira tiegħu qiegħed diġà f'postu – fuq kollox permezz tan-netwerk NATURA 2000 ta' żoni protetti. Il-prijorità ta' l-UE għandha tkun l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-leġislazzjoni eżistenti.

NATURA 2000 hija l-ġebla tax-xewka tal-politika tagħna li nħarsu l-bijodiversità ta' l-Ewropa. Tistabbilixxi mudell għall-ħarsien tan-natura – immexxija mix-xjenza, infurzabbli legalment u bbażata fuq l-ekosistemi bħala l-unità bażika. Erba' sfidi ewlenin għandhom jiżguraw li l-fondi ta' l-UE disponibbli jiġu utilizzati kollha kemm huma għall-ħarsien tan-natura, l-estensjoni tan-Natura 2000 biex tkun tkopri ż-żoni ta' l-ibħra, it-tlestija tad-deżinjazzjoni tas-siti fl-Istati Membri li ssieħbu ma' l-Unjoni Ewropea fl-2004, u l-għarfien u mbagħad it-tweġiba għall-impatt tal-bidla fil-klima fuq in-netwerk.

L-istrateġija tidentifika l-oqsma li fihom inizjattivi ġodda ta' politika għandhom jiġu żviluppati. Waħda se tkun l-indirizzar ta' l-impatt tal-kummerċ fuq il-bijodiversità. Oħra se tkun l-iżvilupp ta' tweġiba ta' l-UE għall-problema ta' l-ispeċijiet invażivi. Sabiex ikun hemm titjib fit-teħid ta' deċiżjonijiet, fuq livelli ta' l-UE kif ukoll fuq daww nazzjonali, jeħtieġ li nsibu mezzi oħra għall-valutazzjoni ta' l-ispejjeż u l-benefiċċji relatati mal-kapital naturali u s-servizzi ta' l-ekosistemi.

L-istrateġija tindirizza wkoll il-kwistjoni tat-telfien tal-bijodiversità globali fejn, minkejja x-xogħol importanti li sar mill-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (CBD), il-progress kien wieħed limitat. Id-dimensjoni ta' l-isfida tindika li jenħtieġu perspettivi addizzjonali u fuq kollox għandu jinstab mezz kif il-ħarsien tal-bijodiversità jista' jkun ta' interess f'sens ekonomiku. Mhux se jkun biżżejjed li nitfgħu l-attenzjoni fuq il-valur intrinsiku tan-natura biss. L-UE għandha taħdem biex tavvanza x-xogħol dwar l-aċċess għal u t-tqassim tal-benefiċċji mir-riżorsi ġenetiċi. Dan ifisser ukoll li pajjiżi żviluppati għandhom iżidu l-ammonti ta' fondi għall-iżvilupp għal proġetti ta' bijodiversità u għandhom jimpenjaw rwieħhom biex ineħħu aktar sussidji li huma ta' ħsara għall-ambjent.

L-UE jkollha żżid fl-isforzi tagħha biex twaqqaf id-deforestazzjoni li, flimkien ma' l-impatt tagħha fuq il-bidla fil-klima hija waħda mir-raġunijiet l-aktar importanti għat-telfien tal-bijodiversità globali. Il-qtugħ illegali tas-siġar hija problema kbira u l-Kummissjoni dan l-aħħar bdiet negozjati mal-Malażja, il-Gana u l-Indoneżja taħt il-ftehim ta' l-Infurzar tal-Liġi tal-Foresta, Tmexxija u Kummerċ (FLEGT). L-għan huwa li jiġi żgurati li l-injam impurtat mill-pajjiżi msieħba jiġi maqtugħ b'mod legali. Sabiex dan il-proċess jitlesta, il-Kummissjoni se tippreżenta proposta oħra dwar it-tqegħid fis-suq ta' l-injam tropikali. Il-Kummissjoni ser tesplora wkoll metodi innovattivi bħaż-żieda ta' valur ekonomiku bil-għan li titwaqqaf id-deforestazzjoni.

Is-sajd bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ hija prattika qerrieda ħafna għall-qiegħ ta' l-oċean li tissarraf friski sinifikanti għall-bijodiversità ta' l-ibħra. L-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti għamlet analiżi dwar il-qagħda ta' din il-kwistjoni prinċipali u ħarġet gwida¹⁶ għal miżuri mmirati għall-ħarsien ta' l-ekosistemi vulnerabbli tal-baħar. Il-Kummissjoni ser tipproponi leġislazzjoni għall-implimentazzjoni ta' din ir-Risoluzzjoni billi tistabbilixxi rekwiżiti legali dwar il-valutazzjoni u l-prevenzjoni ta' l-impatti ta' l-irkaptu tas-sajd tal-qiegħ, l-identifikazzjoni u l-għeluq ta' żoni vulnerabbli, u t-tqassim ta' informazzjoni.

L-għan tal-Kummissjoni huwa li tissokta bil-ħidma tagħha ma' l-Istati Membri biex iddaħħal ġestjoni ibbażata fuq l-ekosistema għas-sajd dinji u biex telimina l-prattiki tas-sajd qerrieda fl-Ibħra Internazzjonali. L-Unjoni ser tissokta bl-appoġġ tagħha għat-tkomplija ta' moratorju internazzjonali dwar is-sajd kummerċjali għall-balieni.

4.3. L-Ambjent, is-saħħa u l-kwalità tal-ħajja

Is-sitt EAP għandu l-għan li-"*... jipprovidi ambjent fejn il-livell tat-tniġġis ma jikkaġunax effetti ta' ħsara fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent.*"¹⁷.

Erba' biċċiet ta' leġislazzjoni jikkostitwixxu l-fondazzjoni ta' l-istrateġija ta' l-UE għat-tnaqqis tar-riskji ambjentali għas-saħħa tal-bniedem: id-Direttiva ta' Qafas għall-Ilma¹⁸ (adottata fl-2000), ir-Regolament ta' l-2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni u l-Awtorizzazzjoni tal-Kimiki (REACH)¹⁹, il-proposta kurrenti għal direttiva dwar il-kwalità ta' l-arja ambjentali u l-arja aktar nadifa għall-Ewropa²⁰, u l-proposta għal direttiva ta' qafas dwar il-pestiċidi²¹.

Dawn l-inizjattivi huma jew relativament ġodda jew għadhom qed jiġu kkunsidrati mill-istituzzjonijiet ta' l-UE. Il-prijorità fiż-żmien mezzan ser tkun ħidma mal-partijiet interessati kollha biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effikaċja tagħhom.

Sforzi għall-implimentazzjoni nazzjonali tad-Direttiva ta' Qafas għall-Ilma jeħtieġ li jiġu intensifikati u sabiex dan isir għandu jkun hemm disponibbli finanzjament adegwat mill-awtoritajiet nazzjonali. L-implimentazzjoni mtejba tad-Direttiva dwar it-Trattament ta' l-Ilma Urban Mormi²² u l-leġislazzjoni dwar l-ilma ta' taħt l-art għandhom inaqqsu b'mod sostanzjali l-emissjonijiet mill-punti ta' sors.

L-Istrateġija Tematika dwar it-Tniġġis ta' l-Arja²³ tipproponi azzjoni għal partiċelli żgħar kif ukoll għal tipi oħra tat-tniġġis ta' l-ajru. Il-ksib ta' l-għanijiet ippreżentati fl-istrateġija jirrikjedi l-adozzjoni u l-implimentazzjoni sussegwenti tad-Direttiva dwar l-arja ċirkostanti u l-arja aktar nadifa għall-Ewropa, kif ukoll l-adozzjoni ta' miżuri Komunitarji ta' appoġġ bħal leġislazzjoni dwar l-emissjonijiet tal-vetturi li jifilħu għall-istrapazz (*heavy duty*) u r-reviżjoni tal-leġislazzjoni eżistenti dwar l-emissjonijiet industrijali (id-Direttiva IPPC).

¹⁶ Ir-Risoluzzjoni 61/105.

¹⁷ Ara l-Artikolu 2(2) tas-sitt EAP.

¹⁸ Id-Direttiva 2000/60/KE (ĠU L 327/1, tat-22.12.2000).

¹⁹ Regolament 1907/2006 tat-18 ta' Diċembru 2006 (Ġ.U. L 396/1, tat-30.12.2006).

²⁰ KUMM(2005) 447 ta' l-21.9.2005.

²¹ KUMM(2006) 373 tat-12.7.2006.

²² Id-Direttiva 91/271/KEE tal-21 ta' Mejju 1991 (ĠU L 135, tat-30.5.1991).

²³ KUMM(2005) 446 tal-21.9.2005.

Ir-regolament REACH għandu l-għan li jiżgura livell għoli ta' ħarsien għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent, inkluż il-promozzjoni ta' metodi alternattivi għall-valutazzjoni ta' perikli minn sustanzi, kif ukoll iċ-ċirkolazzjoni ħielsa ta' sustanzi fis-suq intern filwaqt li jtejjeb il-kompetittività u l-innovazzjoni. Dan iwassal għal identifikazzjoni aħjar u aktar bikrija tal-kwalitajiet li fihom il-kimiki (kif ukoll ta' sustanzi innovattivi) u għall-identifikazzjoni u l-applikazzjoni ta' miżuri għall-ġestjoni xierqa tar-riskji.

Sabiex tfassal is-serje li jmiss ta' politiki ambjentali, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk hemmx xi nuqqasijiet fil-miżuri eżistenti li jeħtieġ li jiġu indirizzati, bħal per eżempju, l-effett *cocktail* tal-kimiki. Filwaqt li tirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà, il-Kummissjoni ser tkompli tfittex għal mezzi li jtejjbu l-ambjent urban (fejn aktar minn 70% tal-popolazzjoni ta' l-UE għandhom ir-residenza tagħhom). Il-Kummissjoni ser taħdem ukoll biex ittejjeb it-tagħrif pubbliku dwar it-tniġġis ambjentali u l-impatti negattivi fuq is-saħħa.

4.4. Riżorsi Naturali u Skart.

Is-sitt EAP għandu fil-mira tiegħu "*aktar effiċjenza tar-riżorsi kif ukoll ġestjoni mtejjba tar-riżorsi u ta' l-iskart, biex jagħmlu possibbli xejriet aktar sostennibbli ta' produzzjoni u ta' konsum*"²⁴.

Iż-żieda fil-prezzijiet tal-prodotti hija sinjal li l-provvista tar-riżorsi naturali għandha limitu. L-iżvilupp soċjali u ekonomiku ta' l-UE għandha sseħħ skond il-kapaċità ta' tagħbija ta' l-ekosistemi L-ammont ta' skart jibqa' jikber u l-inkapaċità li tinqata' r-rabta bejn it-tkabbir ekonomiku u l-impatti ambjentali bħala riżultat ta' l-użu tar-riżorsi, il-konsum u l-iskart jibqa' jkun ta' tħassib fundamentali.

L-Istrateġija Tematika dwar il-Prevenzjoni u r-Riċiklagġ²⁵ ta' l-Iskart tipprovdi l-bażi għal politika tal-ġejjieni ta' l-UE għall-ġestjoni ta' l-iskart. L-Implimentazzjoni ta' l-Istrateġija, inkluż id-Direttiva ta' qafas proposta għall-Iskart²⁶, id-Direttiva dwar il-Landfills, u r-Regolament dwar it-Trasport ta' l-Iskart, ser tkun prijorità għas-snin li ġejjin. Urġenza partikolari ser tingħata lis-setturi li huma responsabbli għall-akbar użu tar-riżorsi (id-djar, it-trasport u l-produzzjoni ta' l-ikel) u għall-oqsma fejn ġew identifikati lakuni fl-implimentazzjoni. Il-Kummissjoni ħadet l-impenn li twaqqaf it-trasport illegali ta' l-iskart perikoluż lejn pajjiżi terzi u ser tadotta l-miżuri neċessarji biex ikun hemm implimentazzjoni aħjar tal-leġiżlazzjoni ta' l-UE f'dan il-qasam.

Is-sitt EAP għandu fil-mira tiegħu d-dizakoppjament tat-tkabbir ekonomiku mid-degradazzjoni ambjentali. L-Istrateġija Tematika dwar l-użu sostennibbli tar-riżorsi naturali²⁷ jipprovdi qafas fit-tul għall-ksib ta' dan l-għan u jieħu l-ewwel passi fit-triq li twassal l-UE biex ssir l-ekonomija l-aktar effiċjenti fir-riżorsi tad-dinja.

²⁴ Ara l-Artikolu 2(2) tas-sitt EAP.

²⁵ KUMM(2005) 666, 21.12.2005.

²⁶ KUMM(2005) 667, 21.12.2005.

²⁷ KUMM(2005) 670, 21.12.2005.

L-Istrateġija Tematika dwar il-ħarsien u r-reċiklaġġ ta' l-iskart u l-analiżi marbuta mill-qrib magħhom tad-Direttiva ta' Qafas għall-Iskart jikkontribwixxu għal dan il-għan. Dawn jisħqu fuq l-importanza tal-kunċett taċ-ċiklu tal-ħajja fl-implimentazzjoni tal-"ġerarkija ta' l-iskart" li, fil-prinċipju gwida għall-politika ta' l-iskart, jesiġi fl-ewwel tliet passi tiegħu, il-prevenzjoni ta' l-iskart, l-użu mill-ġdid u r-reċiklaġġ f'ordni prijoritarji dixxendenti.

Fl-2007, il-Kummissjoni se tipproponi wkoll *Green Paper* ta' l-EU għall-Konsum u l-Produzzjoni Sostenibbli, bil-mira li jinqalbu x-xejriet mhux sostenibbli tal-konsum u l-produttività fis-settur l-aktar ikkonċernati billi jitqiesu l-impatti tal-prodotti matul iċ-ċiklu sħiħ tal-ħajja tagħhom.

5. PROSPETTIVI GĦAT-TFASSIL AĦJAR TAL-POLITIKA

5.1. Kooperazzjoni internazzjonali mtejba

Id-dimensjoni internazzjonali tal-politika ambjentali qed tkun dejjem aktar importanti għal diversi raġunijiet konnessi bejniethom. Ħafna mill-problemi l-aktar serji, bħal bidla fil-klima, huma ta' natura globali. Il-kwalità ta' l-ambjent Ewropew tiddependi wkoll fuq il-perspettiva li jieħdu l-ġirien tagħna. Sforzi sabiex issir titjib fil-kwalità ta' l-ibħra tal-Mediterran, il-Baltiku u l-Baħar l-Iswed jirnexxu biss jekk tittieħed perspettiva reġjonali²⁸.

Xi aspetti tal-globalizzazzjoni, inkluż il-liberalizzazzjoni tal-kummerċ, jekk jitħallew għaddejnin jistgħu jkollhom impatti ta' ħsara fuq l-ambjent. Tidher dejjem aktar ċara r-rabta bejn id-degradazzjoni ambjentali u l-faqar globali u bejn is-sigurtà ambjentali u dik politika. L-inkoraġġiment ta' l-iżvilupp sostenibbli fost l-isħaħ internazzjonali tagħna jgħin sabiex nilħqu l-għanijiet oħrajn tal-politika esterna – inkluż l-Għanijiet tal-Millennju għall-Iżvilupp. F'dan l-isfond il-Konsensus Ewropew ġdid dwar l-Iżvilupp jistabbilixxi l-eradikazzjoni tal-faqar fil-kuntast ta' l-iżvilupp sostenibbli, bħala l-għan primarju u kumplessiv tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp ta' l-UE.

L-Ewropa hija kontinent b'densità għolja ta' popolazzjoni u ekonomikament avvanzat u dan iffisser li nużaw riżorsi ambjentali aktar milli niproduċu. Dan jeħtieġ li jiġi indirizzat jekk l-UE għandha tnaqqas is-sehem tagħha fit-tniġġis globali u t-tnaqqis tar-riżorsi. Fl-istess waqt, aħna niddependu fuq l-użu tar-riżorsi ambjentali ta' pajjiżi terzi u għandna interess qawwi li dawn ir-riżorsi jintużaw b'mod sostenibbli.

Kollox flimkien, dawn il-kunsiderazzjonijiet ifissru li l-azzjonijiet esterni ta' l-Ewropa iridu jindirizzaw il-politika ambjentali fuq għadd ta' livelli differenti. Fis-snin li ġejjin, il-Kummissjoni ser taħdem b'attenzjoni partikolari biex:

²⁸ KUMM(2007) 160: Sinerġija fil-Baħar Iswed - inizjattiva ġdida għal kooperazzjoni reġjonali

- Tippetwovi l-iżvilupp sostenibbli madwar id-dinja u tinnormalizza kunsiderazzjonijiet ambjentali fil-politiki esterni kollha ta' l-UE – mhux biss f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-għajnuna tagħna għall-iżvilupp iżda wkoll il-kummerċ u l-Politika Barranija u tas-Sigurtà Komuni. B'risposta għar-Rapport tal-Qorti ta' l-Awdituri għall-2006 li saħaq fuq in-nuqqasijiet tal-politiki għall-iżvilupp, il-programmi u l-proġetti sejrin iqisu b'mod adegwat il-ħtiġijiet ambjentali²⁹ u ser tiġi mfasla strateġija ġdida għall-integrazzjoni ambjentali.
- "Diplomazija ambjentali" effettiva tfisser li jintrabtu l-għanijiet ambjentali ma' negozjati internazzjonali oħrajn. Ikun jeħtieġ li jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ mill-ftehimiet dwar il-kummerċ u l-kooperazzjoni fuq livelli reġjonali jew bilaterali. L-UE ser tkompli tippetwovi kwistjonijiet ta' l-iżvilupp sostenibbli fil-kuntest tan-negozjati tad-WTO. Fir-rand tal-kummerċ multilaterali għaddej bħalissa fid-WTO, l-UE qed taħdem għal impenji għal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ fil-qasam ta' oġġetti u servizzi ta' natura ambjentali. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ser taħdem biex tiżgura li jkun hemm aktar koerenza bejn il-pożizzjonijiet li jittieħdu fil-fora internazzjonali differenti – per eżempju fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u l-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika. Il-Kummissjoni ser timmira wkoll biex tiżviluppa rabtiet ta' ħidma aktar mill-qrib ma' l-attivitajiet ta' l-Istituzzjonijiet Internazzjonali għal Finanzjament.
- In-negozjati għall-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles flimkien mas-sħab fl-Ażja u fl-Amerika Latina għandhom joffru l-opportunità li tingħata spinta għal-kummerċ fl-oġġetti u s-servizzi sostenibbli. L-UE ser tuża dawn in-negozjati biex tiddiskuti l-impenji speċifiċi dwar il-liberalizzazzjoni tal-kummerċ li jkollhom benefiċċji ambjentali diretti kif ukoll l-impenji għall-implimentazzjoni effettiva tal-Ftehimiet Ambjentali Multilaterali.
- Il-promozzjoni tal-politiki u l-ħtiġijiet ambjentali tagħna. Wieħed mill-akbar kontributi ta' l-UE għall-ħarsien ta' l-ambjent kien l-inkoraġġiment tat-tifrix tal-ħtiġijiet għoljin tagħna stess. Ħidma ta' tħejjija intensiva tfisser li wara t-tkabbir it-12-il Stat Membru ġodda setgħu jadottaw il-politiki ambjentali u n-normi ta' l-UE³⁰. Tisokta ħidma simili mal-pajjiżi kandidati t'issa u ma' daww potenzjali. Il-pjanijiet ta' azzjoni taħt il-Politika Ewropea tal-Viċinat fihom azzjonijiet speċifiċi għall-promozzjoni ta' governanza ambjentali tajba, konverġenza ma' l-UE u n-normalizzazzjoni ta' l-ambjent fil-politiki settorjali. L-istandards ambjentali ta' l-UE qed jiġu promossi wkoll fl-attivitajiet għaddejjin bħalissa mar-Russja.
- Il-promozzjoni tat-trasferiment tat-teknoloġija u/jew tar-riżorsi fil-pajjiżi li qegħdin fi żvilupp bħala inċentiv sabiex jindirizzaw il-problemi globali bħal bidla fil-klima. L-UE għandha tiegħu t-tmexxija tal-promozzjoni ta' dan il-prinċipju u l-iżvilupp ta' l-istrumenti li jiffaċilitaw l-operat tiegħu inkluż ir-reġim ta' appoġġ għad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali. Biex tittejjeb il-kooperazzjoni mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-oqsma ta' l-adattament għall-bidla fil-klima u l-mitigazzjoni ta' l-effetti tagħha, għandha tiġi stabbilita Alleanza Globali għall-Politika dwar il-Klima.

²⁹ Il-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri: Rapport Speċjali Nru 6/2006: L-aspetti ambjentali tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-Kummissjoni

³⁰ L-impatt nett ta' dan kien titjib sinifikanti fil-qagħda ta' l-ambjent madwar l-UE.

- Ħidma ma' l-Istati Membri sabiex jiġu żviluppati strateġiji ta' appoġġ reġjonali/nazzjonali li jindirizzaw b'mod adegwat l-kwistjonijiet dwar l-ambjent u l-ġestjoni tar-riżorsi naturali.
- It-tisħiħ, flimkien ma' l-Istati Membri, tad-djalogu ma' l-ekonomiji ewlenin emerġenti bħaċ-Ċina, l-Indja, il-Brażil, l-Ukraina u l-Afrika t-Isfel. Il-prijorità għas-snin li ġejjin ser tkun li mmorru lil hinn mid-djalogu u lejn l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' programmi konġunti fl-oqsma li huma ta' tħassib għal kulħadd bħal bidla fil-klima, il-ġestjoni ta' l-iskart u l-qtuġh illegali tas-siġar.
- It-titjib fil-ġestjoni internazzjonali ta' l-ambjent li fiha hemm il-prijorità li jiġi mtejjeb il-Programm dwar l-Ambjent tan-Nazzjonijiet Uniti (UNEP) billi tiġi stabbilita Organizzazzjoni Ambjentali tan-Nazzjonijiet Uniti (UNEO) permezz ta' mandat imsaħħaħ u finanzjament adegwat u prevedibbli.
- L-istabbiliment ta' *Panel* Internazzjonali għall-Użu Sostenibbli tar-Riżorsi Naturali u l-appoġġ għal sistema globali li jissorvelja l-livelli ta' bijodiversità (b'mod partikolari fir-rigward tal-foresti).
- L-iżgurar li t-tħassib dwar il-politika ambjentali jitmexxa 'l quddiem f'koordinazzjoni ma' l-Istati Membri f'organizzazzjonijiet speċjalizzati bħall-Organizzazzjoni Internazzjonali Marittima u l-Organizzazzjoni Internazzjoanli ta' l-Avjazzjoni Ċivili

5.2. Prinċipji ta' "Regolazzjoni Mtejba" fit-tfassil ta' politiki ambjentali

Regolazzjoni mtejba tfisser il-ksib ta' l-għanijiet tal-politika – per eżempju l-ħarsien ta' l-ambjent – b'mod effettiv kemm jista' jkun filwaqt li taċċerta li jiġu evitati l-piżijiet amministrattivi mhux neċessarji. Leġiżlazzjoni mtejba u aktar faċli hija wkoll waħda mill-aħjar mezzi għat-titjib fl-implimentazzjoni li mbagħad ittejjeb il-kwalità ta' l-ambjent. Fis-snin li ġejjin, il-Kummissjoni se tiffoka fuq it-tisħiħ ta' l-aġenda għal Regolamentazzjoni Aħjar fit-tfassil tal-politika ambjentali billi:

- tuża s-suq għat-twassil tar-riżultati ambjentali;
- tissimplifika l-ambjent regolatorju eżistenti u tnaqqas l-ispejjeż amministrattivi;
- tikkoopera bis-sħiħ mas-soċjetà ċivili fl-iżvilupp tal-politiki ambjentali u fl-iżvilupp ta' relazzjoni ta' ħidma mill-qrib ma' l-industrija sabiex tippromwovi aġenda għall-iżvilupp sostenibbli;
- tippromwovi t-tixrid ta' prattiki regolatorji tajba; kif ukoll
- tissimplifika r-rekwiżiti għar-rapportaġġ filwaqt li ttejjeb il-kwalità tat-tagħrif dwar l-ambjent.

L-użu tas-suq għat-twassil tar-riżultati ambjentali

Regolazzjoni mfassla b'mod tajjeb hija s-sisien tal-politiki ambjentali ta' l-UE, iżda l-mekkaniżmi tas-suq jistgħu jintużaw bħala parti mit-taħlita ta' politika għat-twassil tal-għanijiet ambjentali b'mod effiċjenti fl-ispiża u biex jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni effettiva. Is-Sistema ta' l-Iskambju tal-Kwoti hija exempju wieħed u l-Kummissjoni dan l-aħħar adottat *Green Paper* dwar l-istrumenti bbażati fuq is-suq għal skopijiet ta' politika ambjentali u politiki relatati³¹. L-analiżi ta' l-2007 tad-Direttiva ta' l-IPPC se tqis ukoll jekk il-mekkaniżmi bbażati fis-suq jistgħux jintużaw għat-tisħiħ ta' l-implimentazzjoni u biex jipromwovu l-innovazzjoni.

L-użu tas-suq ifisser li jinsab mekkaniżmu li permezz tiegħu issir valutazzjoni tajba tal-prodotti u s-servizzi ambjentali. Strument importanti li jista' jaffettwa l-imġiba tal-konsumatur huwa l-aħjar użu tat-tassazzjoni relatata ma' l-ambjent³². Madankollu, dawn it-taxxi jeħtieġ li jiġu applikati b'tali mod li jiġi evitat it-tagħwiġ tal-funzjonament tas-suq intern kif ukoll jiġi massimizzat il-vantaġġ ambjentali. Hemm argument qawwi favur it-trasferiment tal-piż tat-tassazzjoni lil hinn mill-oqsma li l-UE qed tipproma tippromwovi, bħal-impjeg, għal fuq il-konsum tar-riżorsi u ta' l-enerġija u/jew it-tniġġis. L-UE għandha l-impenn ukoll li tneħħi s-sussidji li huma ta' ħsara għall-ambjent u sa l-2008 il-Kummissjoni għandha tniedi pjan ta' direzzjoni għar-riforma, settur b'settur, ta' dawn is-sussidji bl-intenzjoni li teliminahom.

F'dan l-isfond ikun utli għal dawk li jfasslu l-politika li jkunu jistgħu jkejlu l-progress, il-ġid u l-benessri b'mod li jiġu inkorporati l-ispejjeż u l-benefiċċji soċjali u ambjentali. Il-Prodott Gross Domestiku (PGD) huwa l-kejl l-aktar rikonoxxut għall-prestazzjoni ekonomika u ħafna drabi jitqies bħal l-indikatur awtorevoli (*proxy indicator*) ta' l-iżvilupp u l-ġid tal-bniedem. Madankollu, ir-relazzjoni bejn it-tkabbir ekonomiku kif imkejla bil-PGD u d-dimensionijiet l-oħra ta' l-iżvilupp sostenibbli mhix ċara għall-aħħar³³. Sabiex dawn il-kwistjonijiet jitmexxew 'il quddiem fid-dibattitu ambjentali matul l-2007 l-Kummissjoni ser tisponsorja konferenza ta' importanza kbira.

Bħala riżultat tar-rakkomandazzjonijiet li saru fl-Istrateġija għall-Iżvilupp Sostenibbli il-Kummissjoni għandha taħdem ukoll biex ittejjeb il-prestazzjoni ambjentali ta' prodotti u proċessi u biex tiġi mħeġġa l-applikazzjoni tagħhom min-negożji u mill-konsumaturi. Il-Kummissjoni ser tippromovi estensjoni ta' skemi ta' ttikettjar tal-prestazzjoni minn *appliances* li jaħdmu bl-elettriku u karozzi għal gruppi oħrajn ta' prodotti. Il-Kummissjoni ser tmexxi wkoll it-twaqqif ta' punti ta' riferiment regolari (*benchmarking*) madwar l-UE tal-prestazzjoni ta' l-Akkwist Pubbliku Ekoloġiku bil-għan li, sa l-2010, il-livell medju ta' l-UE ta' l-Akkwist Pubbliku Ekoloġiku jkun ugwali għall-livell ta' bħalissa ta' l-Istati Membri l-għandhom l-aħjar prestazzjoni.

³¹ KUMM(2007) 140 tat-28 ta' Marzu 2007.

³² It-Tkabbir, il-Kompetittività, l-Impjeg: L-Isfidi u l-Modi kif nistgħu nimxu 'l Quddiem fis-Seklu 21 – *White Paper*, KUMM(93) 700, kapitolu 10.

³³ Per eżempju, il-PGD ma jkejlx is-sostenibilità tat-tkabbir u pajjiż jista' jikseb PGD għoli għal żmien temporanju billi jisfrutta żżejjed r-riżorsi naturali jew billi jallokka l-investment b'mod mhux korrett. Ukoll diżastri naturali fuq skala kbira bħat-Tsunami ta' l-Ażja t'Isfel jew il-*Hurricane Katrina* jistgħu jidhru (b'mod pervers) bħala pożittivi għall-PGD.

Is-simplifikazzjoni, il-kodifikar u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv

Il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li tirrevedi għadd ta' strumenti legali ta' importanza, bil-għan li jiġi ssimplifikat, ikkodifikat u jitnaqqas il-piż amministrattiv. L-għan se jkun li l-effettività tagħhom fit-twassil tal-miri ambjentali titjeb, filwaqt li jitnaqqsu l-ispejjeż amministrattivi u ta' l-implimentazzjoni għan-negozji.

Ħidma mill-qrib mal-Partijiet Interessati

Il-Kummissjoni ser tkompli taħdem mill-qrib mas-soċjetà ċivili meta tfassal il-politiki ambjentali tagħha. L-Organizzazzjonijiet Mhux Governattivi (l-NGO's) huma l-istituzzjonijiet l-aktar fdati mill-pubbliku meta niġu għal kwistjonijiet ambjentali³⁴, u l-NGO's ħafna drabi jkollhom l-għarfien espert tekniku neċessarju għat-tfassil ta' politiki effettivi. Jistgħu ukoll joffru rabta siewja bejn dawk li jfasslu l-politika u ċ-ċittadini ta' l-Ewropa.

Metodu aħjar għar-regolazzjoni jirrikjedi wkoll relazzjoni tajba ta' ħidma ma' l-industrija – li fl-aħħar mill-aħħar hija responsabbli għall-implimentazzjoni tal-maġġoranza tal-liġijiet ambjentali. Ħafna mill-mexxejja ta' l-industrija internalizzaw l-aġenda ambjentali fil-mudelli tan-negozju tagħhom u l-Kummissjoni ser tidħol fi djalogu ma' dawn l-industriji prominenti. Il-Kummissjoni ser tibni wkoll djalogu man-negozji, it-tredjunjons u l-NGOs sabiex tiżviluppa tweġibiet ambizzjużi tan-negozju – bħal rapportaġġ ta' l-entità – li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti legali minimi eżistenti.

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jeħtieġu jissoktaw bl-isforzi tagħhom biex jippromwovu l-ekoinnovazzjonijiet u t-teknoloġiji ambjentali għaliex l-industrija tista' tagħmel kontribut importanti lill-ħarsien ta' l-ambjent. Fattur ewlieni għal dan se jkun l-implimentazzjoni bis-siħ tal-Pjan ta' Azzjoni għal Teknoloġiji Ambjentali u miżuri komplementari. Il-Kummissjoni ser tipproma tintegra l-appoġġ għal prodotti, servizzi u proċessi ambjentali fil-politika industrijali tagħha kif ukoll fil-politika ambjentali tagħha. Meta l-politika dwar ir-riċerka u t-teknoloġija ta' l-Unjoni tiġi studjata mill-ġdid fl-2008, din għandha tiffoka saħansitra aktar fuq l-ambjent.

Hemm il-ħtieġa wkoll li jittejjeb il-funzjonament ta' l-istrumenti volontarji li ġew imfassla għall-industrija: EMAS u Ecolabel. Dawn l-għodod għandhom potenzjal kbir iżda ma ġewx żviluppati kompletament. Il-Kummissjoni ser tirrevedi dawn l-iskemi sabiex tippromwovi l-applikazzjoni tagħhom u tnaqqas il-piżijiet amministrattivi għall-ġestjoni tagħhom.

Il-promozzjoni ta' prattiki regolatorji tajba

Il-Kummissjoni għandha ttejjeb is-sorveljanza ta' l-effettività tal-politika u tippromwovi tifrix aktar strutturat ta' prattiki tajba. Riċerka li saret mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent turi li l-ispejjeż amministrattivi f'ċerti Stati Membri għall-implimentazzjoni tal-liġijiet ambjentali huma aktar baxxi milli f'oħrajn. Billi nbiddu l-aħjar prattiki fi prattiki standard inkunu qegħdin innaqqsu dawn l-ispejjeż u nżidu l-effettività ambjentali tal-politiki tagħna.

³⁴ EUROBAROMETER 217 “L-attitudnijiet taċ-ċittadini ta' l-Ewropa lejn l-ambjent” (April 2005).

Tagħrif dwar l-ambjent issimplifikat u mtejjeb

L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politika ambjentali jiddependi minn tagħrif sod u ta' min joqgħod fuqu dwar il-qagħda ta' l-ambjent, il-persjonijiet u l-impatti fuqha u l-katalisti għall-bidla. Il-provvista li hemm bħalissa flimken ma' l-isfera tat-tagħrif dwar kwistjonijiet ambjentali għadha sparpaljata u l-kwalità tad-dejta varjabbli. L-isforzi li għaddejjin bħalissa għall-immodernizzar tal-mod kif jinħoloq u jiġi mpartat it-tagħrif ser jiżiedu, partikolarment permezz ta' l-iżvilupp ta' Sistema dwar l-Infurmazzjoni Ambjentali Kondiviża (SEIS) li tiżgura disponibilità wiesgħa tat-tagħrif meħtieġ għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika ambjentali, filwaqt li jinqatgħu l-piżijiet amministrattivi żejda għall-awtoritajiet ta' l-Istati Membri.

5.3. Il-Promozzjoni ta' l-Integrazzjoni tal-Politiki

L-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ambjentali f'oqsma ta' politika oħrajn hija waħda mill-prinċipji bażiċi tal-politika ambjentali. Hija minqaxa fl-Artikolu 6 tat-Trattat ta' l-UE – iżda l-progress li sar huwa wieħed imħallat. Fis-settur agrikolu dawn l-aħħar 15-il sena saru riformi fundamentali li avviċinaw il-kunċett tal-bdiewa bħala amministraturi tan-natura. Madankollu, l-integrazzjoni ta' kwistjonijiet ambjentali f'oqsma oħrajn kellha anqas suċċess. Il-proċess ta' Cardiff – li ġie stabbilit fl-1998 biex tiġi istituzzjonalizzata din ix-xorta ta' integrazzjoni – ma tax ir-riżultati mixtieqa.

Il-valutazzjonijiet ta' l-impatt issa huma karatteristika standard fil-proċess tat-tfassil tal-politika u hemm lok għal titjib kbir fil-valutazzjoni ta' l-impatt ambjentali li l-politiki l-oħra ser ikollhom. Il-Kummissjoni għandha l-impenn li ttejjeb il-kapaċità ta' dawn il-valutazzjonijiet li jkejlu l-impatti ambjentali, ekonomiċi u soċjali tal-proposti tal-politiki tagħha. Il-Bord għall-Valutazzjoni ta' l-Impatt se jkun għodda importanti għall-ksib ta' dan il-għan u riżorsi adegwati għandhom ikunu disponibbli sabiex jiġi żgurat li l-valutazzjonijiet ta' l-impatt kollha jinkludu valutazzjoni ta' l-effetti fuq l-iżvilupp sostenibbli.

Għat-tjib tal-valutazzjoni ta' l-impatti ambjentali fuq livell nazzjonali l-Kummissjoni ser tirrevedi l-effettività tad-Direttivi dwar il-Valutazzjonijiet ta' l-Impatt Ambjentali u l-Valutazzjonijiet Ambjentali Strateġiċi. Il-Kummissjoni ser tipprowa tħaffef dawn il-proċeduri filwaqt li taċċerta li b'hekk il-ħarsien ta' l-ambjent ma jiġix kompromess³⁵.

Il-Kummissjoni se tesplora l-possibilitajiet kollha biex jiddaħħal aktar it-tħassib dwar l-ambjent fil-politiki l-oħrajn, per eżempju dik ta' l-agrikoltura, u l-politika dwar ir-riċerka u l-iżvilupp. Il-pjanijiet u proġetti ffinanzjati mill-UE għandhom jikkonformaw mal-liġi ta' l-UE, inkluż il-liġi ambjentali. Il-kundizzjonalità bejniethom kienet effettiva bħala kontribut għall-integrazzjoni tal-kwistjonijiet ambjentali fil-Politika Agrikola Komuni u l-Kummissjoni ser tinvestiga jekk din l-għodda tistax tiġi estiża b'mod utli għal oqsma ta' politika oħrajn, bħas-sajd u t-trasport.

³⁵ Per eżempju, fil-Pjan ta' l-Interkonnexxjoni ta' Prijoritajiet tagħha, li jiffurma parti mill-Pakkett dwar l-Enerġija adottat mill-Kummissjoni fl-10 ta' Jannar 2007, il-Kummissjoni kienet diġà pproponiet li tillimita l-proċeduri għall-ippjanar u l-approvazzjoni għal massimu ta' 5 snin fir-rigward tal-proġetti TEN b'interess Ewropew.

Il-Kummissjoni ser tipproduċi qafas strateġiku li jindirizza l-kwistjoni ta' l-integrazzjoni ta' politiki. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lis-setturi fejn hemm l-aktar potenzjal għas-sinerġiji ta' politika sabiex titjeb il-kwalità ta' l-ambjent (l-agrikoltura, is-sajd, it-trasport, l-enerġija, il-politika reġjonali u industrijali u r-relazzjonijiet esterni ta' l-UE). Fuq il-livell ta' l-Istat Membru, il-formazzjonijiet differenti tal-Kunsill għandhom jipproduċu rapporti annwali dwar kif imxew fir-rigward ta' l-obbligu li jintegraw il-kwistjonijiet ambjentali fix-xogħol tagħhom.

5.4. Titjib fl-implimentazzjoni u l-infurzar

Wara 35 sena ta' żvilupp legali issa tqiegħed f'postu qafas ta' politika ambjentali komuni. Madankollu, l-għadd kbir ta' ilmenti u ta' proċeduri kontra l-ksur huma sinjal li għad jonqos ħafna sakemm l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni ambjentali tkun sodisfaċenti. Il-ksib ta' l-għanijiet ambjentali isir possibbli biss permezz ta' l-iżgurar ta' l-implimentazzjoni tajba ta' l-*acquis*. L-implimentazzjoni effettiva huwa fattur ewlieni fl-aġenda għar-Regolazzjoni Aħjar u jeħtieġ li jiġi evitat it-tagħwiġ fil-kompetizzjoni u li s-suq waħdieni jibqa' għaddej mingħajr xkiel. Dan huwa sfida partikolarment importanti wara t-tkabbir – peress li l-Istati Membri ġodda jkollhom jipproċessaw l-*acquis* f'salt wieħed. Il-Kummissjoni ser taħdem flimkien ma' l-Istati Membri sabiex iżżid il-kapaċità kumplessiva ta' l-istituzzjonijiet ambjentali biex jimplimentaw l-istandards ta' l-UE b'suċċess.

Il-Kummissjoni ser tħeġġeġ l-Istati Membri biex jagħmlu użu mill-opportunitajiet ta' finanzjament fuq il-livell ta' l-UE, biex tiżgura li l-ipprogrammar tan-nefqa skond l-istrumenti varji³⁶ jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni mtejba tal-leġiżlazzjoni ambjentali ta' l-UE.

Fl-2007, il-Kummissjoni għandha tfassal strateġija mġedda dwar l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-liġi ambjentali tal-KE. Din l-istrateġija għandha tiffoka b'mod partikolari fuq in-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni sistematika li ġew identifikati u għandha tħeġġeġ l-użu ta' taħlita ta' strumenti legali kif ukoll dawk li mhumiex legali.

Wara li qieset is-sentenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja³⁷, kif ukoll l-urġenza tal-każ kif deher mir-rimi velenuż ta' l-iskart tossiku fuq il-Kosta ta' l-Avorju, il-Kummissjoni pproponiet Direttiva dwar il-harsieni ta' l-ambjent permezz tal-liġi kriminali³⁸ li timmira għat-titjib fid-deterrenza u l-prosekuzzjoni ta' reati ambjentali.

³⁶ L-istrumenti tal-Politika ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond Ewropew għas-Sajd, il-programmi ta' qafas għal Riċerka u Kompetittività u Innovazzjoni, u taħt l-istrument uniku ġdid għall-ambjent, LIFE+.

³⁷ C-176/03, 13 ta' Settembru 2005.

³⁸ KUMM(2007) 51.

6. KONKLUŻJONIJIET

Wara nofs seklu tal-“bini ta' l-Ewropa”, il-politika ambjentali ta' l-UE saret waħda mill-suċċessi ewlenin tagħha. Kien hemm tnaqqis sostantiv fl-emissjonijiet ta' ħsara fl-ajru u fl-ilma, l-iskart qed jiġi ġestit aħjar, u hemm anqas sustanzi kimiċi li jagħmlu l-ħsara. Dan kollu tejjeb is-saħħa tal-bniedem. Għen sabiex l-industrija Ewropea waslet fuq quddiemnett fid-dinja f'għadd ta' setturi ta' tkabbir għoli u ħolqot miljuni ta' impjiegi.

Minkejja l-progress li sar jeħtieġ li l-livell ta' l-ambizzjoni ta' l-UE jogħla. Il-Ħames Pjan ta' Azzjoni Ambjentali ġie adottat fl-1992 bit-titolu “Lejn is-Sostenibbiltà” u fl-1999 l-iżvilupp sostenibbli ġie stabbilit bħala wieħed mill-għanijiet ibbażati fuq it-trattat ta' l-Unjoni Ewropea. Madankollu, l-UE għad mhix fit-triq lejn l-iżvilupp sostenibbli ambjentali. Sar biss progress limitat fir-rigward tal-kwistjonijiet fundamentali li għandhom x'jaqsmu ma' l-integrazzjoni tat-tħassib ambjentali foqsmata ta' politika oħrajn u fit-titjib ta' l-infurzar tal-leġislazzjoni ta' l-UE. Ħafna mill-persjonijiet ambjentali fil-fatt qed jiżdiedu: l-emissjonijiet globali tal-gassijiet serra qed jiżdiedu, it-telfien tal-bijodiversità qed jiżdied, it-tniġġis għad għandu effett kbir fuq is-saħħa pubblika, l-ammont ta' l-iskart prodott fi ħdan l-UE qed ikompli jiżdied, u l-marka ekoloġika tagħna qed tikber b'mod kostanti.

Il-bidla fil-klima, il-bijodiversità, is-saħħa u l-użu tar-riżorsi jibqgħu sfidi ambjentali pressanti ħafna u s-sitt EAP baqa' jkun il-qafas tajjeb ta' azzjoni għall-ġejjieni fuq livell Komunitarju. L-UE b'mod ġenerali qiegħda fejn suppost tkun fir-rigward ta' l-adozzjoni tal-miżuri stabbiliti fil-Programm ta' Azzjoni. Madankollu, wara ħames snin ta' Programm mifrux fuq għaxar snin għadu kmieni wisq biex naraw ir-riżultati tal-maġġoranza tal-miżuri proposti taħt is-sitt EAP. Ħafna minnhom ġew adottati riċentement biss u għalhekk l-iżgurar ta' l-implimentazzjoni ser tkun il-prijorità immedjata tal-Kummissjoni.

Analiżi tas-sitwazzjoni xjentifika l-aktar riċenti tiżvela li jeżistu diversi lakuni bejn l-għanijiet stabbiliti fis-sitt EAP u l-miżuri li ġew stabbiliti għall-ksib ta' dawn l-għanijiet. F'dawn l-oqsma hemm il-ħtieġa li l-miżuri eżistenti jissaħħu jew inkella li jiġu adottati miżuri ġodda

L-ambjent huwa qasam ta' politika li permezz tiegħu l-UE tista' twassal benefiċċji tanġibbli liċ-ċittadini tagħha fix-xbieha ta' titjib fil-kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol. Huwa wkoll qasam ta' politika li l-maġġoranza sinifikanti taċ-ċittadini Ewropej qed jappoġġjaw dejjem aktar u saħansitra l-azzjoni aktar effettiva. Hekk kif l-Ewropa tiċċelebra l-ewwel 50 sena tagħha – u tħares 'il quddiem għall-50 sena li jmiss – huwa ċar li l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki li jistgħu jħarsu l-ambjent Ewropew b'mod effettiv se jkunu fil-qalba tal-“proġett” Ewropew. Għall-perjodu sa l-2012 l-implimentazzjoni u l-iżvilupp tas-sitt EAP se jkunu ċentrali għal dan ix-xogħol.